# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar il-Hamis 3 ta' Mejju 2018**

**Mandat Numru: 531/2018/1 JPG**

**Claudine Xerri (I.D. 69476M)**

**Vs**

**Maltco Lotteries Limited (C 32326)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Claudine Xerri (I.D. 69476M) , ikkonfermat bil-gurament, datat 4 ta' April 2018 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti ghadnu interes li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli*

*tittermina, minn mas-sistema centrali taghha, s-servizz tal-"online connection" tal-apparat fil-pussess tar-rikorrenti, jew li tiehu lura l-istess imsemmi apparat, fil-pussess tal-istess rikorrenti, ossija l-additional terminal, kollox skond it-theddid li gie kkomunikat lir-rikorrenti nhar it-8 ta' Marzu 2018 (DOK: A), u dan billi:*

*I. Ir-rikorrenti topera banka tal-lottu, ossija l-banka bin-numru 343, li tinstab 5, Triq l-Imdina, Qormi, u dan skond Agency Agreement vigenti bejn il-kontendenti;*

*II. Il-kumpannija intimata qieghdha thedded lir-rikorrenti kif inghad billi, skond l-istess kumpannija intimata, r-rikorrenti m'ghadhiex tikkwalifika ghall-Free Additional Terminal (s) Reward Scheme tenut kont tal-bejgh illi ghamlet l-istess rikorrenti matul l-2017, allegazzjoni li hija kontesta mir-rikorrenti;*

*III. Fil-fehma umli tar-rikorrenti, l-kumpannija intimata ma tistax taqbad u tiddeciedi, b'mod arbitrarju u unilaterali, li r-rikorrenti m'ghandhiex tikkwalifika kif allegat minghajr ma jsir ebda forma ta' skrutinju, ossija konferma, minn Qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti;*

*IV. Ghalhekk, it-theddid tal-kumpannija intimata hawn fuq imsemmi huwa manifestament illegali u abbuziv, specjalment meta l-Agency Agreement vigenti bejn il-kontendenti jistipula illi, f'kaz ta' litigju, ghandu jsir tentattiv sabiex dan jigi rizolt bonarjament u, fin-nuqqas, il-partijiet ghandhom jirreferu l-kwistjoni ghal arbitragg;*

*V. Il-hsieb tal-kontendenti, ghalhekk, kjarament, qatt ma kien li l-kumpannija intimata tinghata l-fakolta' li, mal-icken kwistjoni li tqum, thedded illi tittermina s-servizz tal-"online connection" minn mas-sistema centrali taghha jew, addirittura, li tiehu lura l-apparat fil-pussess tar-rikorrenti, minflok ma tirreferi l-kwistjoni ghal arbitragg;*

*VI. Wara kollox, kif gja' inghad fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Silvio Meli, fl-ismijiet Felix Mifsud et vs. Maltco Lotteries Limited (1824/2013/1) tat-13 ta' Dicembru 2013 - li permezz tieghu l-kumpannija intimata giet imwaqqfa, proprju, milli tittermina s-servizz tal-"online connection" minn mas-sistema centrali taghha - "Il-vertenza hekk rilevata ghalhekk tinvolvi analizi dettaljata tal-artikoli riferiti mill-istess kontendenti qabel ma tkun tista' tigi b'xi mod rizolta - kemm jista' jkun fl-istess interess tal-kontendenti" (DOK: B);*

*VII. Fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lorraine Schembri Orland, fl-ismijiet Albert Muscat et vs. Maltco Lotteries Limited (1626/2014/1) tal-11 ta' Novembru 2014 - li permezz tieghu, anke f'dan il-kaz, l-kumpannija intimata giet imwaqqfa, proprju, milli tittermina s-servizz tal-"online connection" minn mas-sistema centrali taghha u milli tiehu lura l-apparat - inghad illi: "Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, anke minhabba li r-rikorrenti iddeducew talbiet quddiem il-Qorti (mertu tal-arbitragg) proprjament immirati lejn is-sindikar tad-drittijiet tas-socjeta' intimata naxxenti mill-kuntratti taghhom, jirrizulta soddisfacjentement li ghandhom id-dritt prima facie li jitolbu l-hrug ta' dan il-Mandat sakemm id-drittjiet tas-socjeta' intimata jigu determinati fis-sede kompetenti fl-ezami tal-mertu" (DOK: C);*

*VIII.Anke fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lawrence Mintoff, fl-ismijiet Felix Mifsud et vs. Maltco Lotteries Limited (757/2015/1) tat-3 ta' Gunju 2015, il-kumpannija intimata giet mizmuma milli tittermina s-servizz tal-"online connection" minn mas-sistema centrali taghha (DOK: D);*

*IX. Fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, fl-ismijiet Mary Anne Bezzina et vs. Maltco Lotteries Limited (957/2016) tat-22 ta' Gunju 2016, il-kumpannija intimata wkoll giet mizmuma milli tittermina s-servizz tal-"online connection" minn mas-sisterma centrali taghha u milli tiehu lura l-apparat, wara li l-Qorti sostniet: "Tqis li r-rikorrenti ghandhom il-jedd li, sa ma tkun mistharrga l-*

*kwestjoni (ukoll jekk ma jsehhilhomx iholluha b'mod bonarju), ma jsir xejn li jista' jtemmilhom ir-rabta kuntrattwali li hemm bejniethom." (DOK: E);*

*X. Ir-rikorrenti gja' hija parti fi proceduri t'arbitragg li huma proprju intizi sabiex jiddeterminaw "d-drittijiet tas-socjeta' intimata" li tagixxi b'dan il-mod, u ser tipprocedi bi proceduri t'arbitragg ulterjuri billi r-rikorrenti temmen li l-kumpannija intimata ma tistax taqbad u tiddeciedi li tittermina s-servizz tal-"online connection" minn mas-sisterma centrali taghha u/jew illi tiehu lura l-apparat b'mod arbitrarju u unilaterali, u minghajr ma jsir ebda forma ta' skrutinju, ossija konferma, minn Qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti;*

*XI. Minkejja li, fil-fehma umli tar-rikorrenti, dan it-twemmin tal-istess rikorrenti gja' gie kkonfermat, almenu fuq bazi prima facie, minn din l-Onorabbli Qorti fl-erbgha digrieti hawn fuq indikati, l-kumpannija intimata xorta wahda ghadha tippersisti bit-theddid taghha kif gja' inghad;*

*XII. It-theddid tal-kumpannija intimata fil-kaz odjern, jekk kemm 'il darba jithalla javvera ruhhu, ser ikun ifisser illi r-rikorrenti ma tkunx tista' tibqa' topera l-banka tal-lottu taghha kif ghamlet sallum - ossija bl-additional terminal installat - u dan bi pregudizzju serju ghall-istess rikorrenti.*

*Billi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha kull interess illi tikkawtela d-drittijiet taghha skond il-ligi, pendenti l-ezitu tal-proceduri ta' arbitragg li l-istess rikorrenti ser tipprezenta skond il-ligi, u konsegwentement illi jinhareg dan il-mandat b'effett immedjat.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Maltaco Lotteries Limited (C32326) datata 11 ta' April 2016 a fol 28 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju intavolat mir-rikorrenti Xerri fl-4 ta' April 2018 permezz ta' liema qiegħda titlob li s-soċjeta' intimata tinżamm milli "tittermina, minn mas-sistema ċentrali tagħha, s-servizz tal-online connection tal-apparat fil-pussess tar-rikorrenti, jew li tieħu lura l-istess imsemmi apparat, fil-pussess tal-istess rikorrenti, ossija l-additional terminal, kollox skond it-theddid li ġie kkomunikat lir-rikorrenti nhar it-8 ta' Marzu 2018".*

2. *Illi r-rekwiżiti neċessarji fil-liġi ai termini tal-Artikolu 873(2) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili (Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni sempliċement ma jikonkorrux kif ser jiġi spjegat aktar fid-dettal hawn isfel.*

***Sfond Fattwali***

3. *Illi s-soċjeta intimata Maltco ilha topera l-liċenzja tal-lotterija nazzjonali mill-4 ta' Lulju 2004. Din il-liċenzja ġiet mogħtija lil Maltco mill-Lotteries and Gaming Authority (illum il-ġurnata l-Malta Gaming Authority) u dan taħt Kapitlu 438 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi s-soċjeta intimata Maltco taħdem permezz ta' network ta' kważi 230 aġent f'Malta u Għawdex u kull wieħed minnhom jopera point of sale (POS) minn fejn jinbiegħu prodotti tal-Maltco lill-klijenti tal-Maltco. Ir-rikorrenti Xerri hija waħda minn dawk l-aġenti u ilha aġent mis-7 ta' Lulju 2012 ai termini ta' Agency Agreement u topera POS343 f'5, Mdina Road, Qormi.*

5. *Illi r-rikorrenti Xerri, bħal kull aġent ieħor tal-Maltco, hija ntitolata awtomatikament għal terminal wieħed (1) li huwa konness mas-sistema ċentrali tas-soċjeta intimata Maltco sabiex isir il-bejgħ tal-prodotti.* ***Dan it-terminal mhux l-istess l-free additional terminal imsemmi fir-rikors tar-rikorrenti Xerri u għalhekk mhux is-suġġett ta' din il-vertenza****. Id-dritt tar-rikorrenti Xerri għat-terminal wieħed (1) li jingħata awtomatikament lil kull aġent u l-konnettivita' tal-istess mas-sistema ċentrali tal-Maltco mhux parti mit-tilwima tal-lum* ***u għalhekk dan it-terminal ser jibqa' f'POS343 irrispettivament tar-riżultat ta' dawn il-proċeduri****.*

6. *Illi s-soċjeta intimata Maltco toffri skema lill-aġenti tagħha jisimha: Free Additional Terminal Reward Scheme. Permezz ta' din l-iskema free additional terminals jiġu mogħtija mill-*Maltco *lill-aġenti li jkunu leħqu jew eċċedew sales/transaction quota speċifika, liema kwota (i) tvarja skont s-sales ġenerati mill-aġenti kollha tal-*Maltco *fis-sena preċedenti u (ii) aktar importanti tiddependi min-numru ta' free additional terminals li huma għad-diżpożizzjoni tal-*Maltco. Apparti minn hekk, din il-*Free Additional Terminal Reward Scheme hija suġġetta għal ċertu termini kuntrattwalment maqbula mal-aġent, kif spjegat hawn isfel.*

7. *Illi r-rikorrenti Xerri rnexxielha tilħaq din il-*kwota *mill-POS343 fis-sena 2014 u liema kwota dak iż-żmien kienet €475,000. Fil-fatt, hija ngħatat free additional terminal fi Frar 2015. Kif ser jiġi spjegat fid-*dettal aktar *l'isfel, huwa dan il-free additional terminal, li huwa supplimentari għat-terminal wieħed (1) imsemmi f'paragrafu* 5 *u li preżentement qiegħed u ser jibqa' f'POS343, li huwa suġġett ta'* dawn il-*proċeduri.* ***Għaldaqstant, sabiex jiġi evitat kull dubju, il-konnettivita' (online connection) tat-terminal wieħed (1) awtomatiku mhux qiegħed fl-ebda periklu li jinqata' u mhux ser ikun bl-ebda mod affettwat bit-tneħħija tal-free additional terminal**.

***Dritt Prima Facie***

8. *Illi s-sors tad-dritt prima facie vantat mir-rikorrenti Xerri jista' jkun biss it-*termini *kuntrattwali bil-miktub bejn il-partijiet sic et simpliciter. F'dan ir-rispett hemm kuntratt kruċali li għandu jiġi analizzat, anke jekk limitatament prima facie, minn* din l-*Onorabbli Qorti: t-termini tal-*Free Additional Terminal(s) *Reward Scheme – Application and Acceptance Form datat 24 ta' Frar 2015 u ffirmat miż-żewġ partijiet (annessa ma' din ir-risposta u mmarkata bħala Dokument ML1). Illi qiegħed jiġi osservat li din l-*Application and Acceptance *Form ma kinetx, possibilment bi żvista, annessa mar-*rikors *tar-rikorrenti.*

9. *Illi hemm bżonn li jiġi sottolineat mill-*bidu *nett li l-*Free Additional Terminal(s) *Reward Scheme ġiet imwaqqfa mis-soċjeta' intimata Maltco sabiex ġustament tippremja u timmotiva* l-*aġenti tagħha li qegħdin imorru tajjeb u qegħdin iżidu l-bejgħ. Ir-rikorrenti Xerri flimkien ma' 230 aġent ieħor fin-*network *tal-Maltco għandhom rwol kruċjali fl-intrapriża li qed tmexxi l-intimata Maltco għaliex huma l-*

*aġenti li qegħdin jiffaċjaw u jbiegħu l-prodotti tal-Maltco lil-klijenti tal-Maltco. Ċertament teżisti relazzjoni simbijotika bejn l-intimata Maltco u r-rikorrenti Xerri—iż-żewġ partijiet igawdu jekk ikun hemm żieda fil-bejgħ. Fil-fatt, u għalinqas f'dan l-istadju, is-soċjeta' intimata Maltco ma għandha assolutament l-ebda intenzjoni li twaqqaf lir-rikorrenti Xerri milli topera POS343 f'5, Mdina Road, Qormi.*

10. *Illi wieħed irid jifhem li kull terminal huwa proprjeta' imprezzabli għas-soċjeta' intimata Maltco li sewa investiment infrastrutturali sinifikati. Kull terminal iqabbad kull point of sale mas-sistema ċentrali tal-intimata Maltco. Naturalment hemm numru limitat ta' free additional terminals għad-disponibbilita' tal-intimata Maltco, u għalhekk, il-parametri stabbiliti mill-Maltco jiġu applikati b'mod indiskriminat lill-aġenti kollha tagħha sabiex tiżgura aċċess xieraq u ugwali għal dawn il-free additional terminals.*

11. *Illi minkejja li l-Application and Acceptance Form jipprovdi li "the time and method of any revision" tas-sales and transactions għall-finijiet tal-għotja tal-free additional terminal hija "at the full discretion" tal-intimata Maltco—Maltco stess ħejjet policy ristretta (u ċioe' mhux aċċessibli lill-pubbliku) li tistabilixxi kriterji ċari u oġġettivi sabiex issir id-deċiżjoni ta' liema aġenti ser jingħataw free additional terminal.*

12. *Illi r-rikorrenti Xerri leħqet b'suċċess il-kwota annwa ta' bejgħ fis-sena 2014 li dak iż-żmien kienet €475,000, u fil-fatt, hija ngħatat free additional terminal fi Frar 2015. Sfortunatament iżda, l-istess rikorrenti Xerri ma rnexxiliex tilħaq din il-kwota fit-tliet snin konsekuttivi: 2015, 2016 u anke 2017. Minkejja dan in-nuqqas ta' suċċess, fil-12 ta' Mejju 2016 l-intimata Maltco għażlet, dejjem in buona fede, li permezz ta' ittra tagħti lir-rikorrenti Xerri aktar żmien, u ċioe' sitt (6) xhur, sabiex tbiddel dan u tilħaq il-kwota annwa (anness ma' din ir-risposta u mmarkata bħala Dokument ML2). Ir-rikorrenti Xerri ma rnexxiliex tagħmel dan. Kien biss fit-8 ta' Marzu 2018 ('il fuq minn għoxrin (20) xahar wara l-ittra tat-12 ta' Mejju 2016) u wara li reġa sar analiżi tal-bejgħ li saru fis-sena 2016 u anke fis-sena 2017 li l-intimata Maltco ħasset li ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li tieħu lura l-free additional terminal mill-point of sale tar-rikorrenti Xerri. Dan biss sabiex l-istess*

*free additional terminal ikun jista' jingħata lil xi aġent ieħor li ġustament jikkwalifika għalih għax leħaq il-kwota.*

13. *Illi t-tneħħija tal-free additional terminal assolutament ma jfissirx li r-rikorrenti Xerri ser tiġi mwaqqfa milli topera POS 343 f'5, Mdina Road, Qormi, iżda biss li r-rikorrenti Xerri ser tkun intitolata li tuża t-terminal wieħed (1) li jingħata awtomatikament lil kull aġent. Għal benefiċċu ta' din l-Onorabbli Qorti, l-intimata Maltco tissottometti li huwa imperattiv għal Maltco li tapplika dawn il-kriterji fuq imsemmija ugwalment u indiskriminament mal-aġenti kollha tagħha. Li kieku l-intimata Maltco tħalli lill-intimata Xerri żżomm dan il-free additional terminal ma jkunx sew u ġust fuq l-aġenti l-oħra li qegħdin komodatament joperaw b'terminal wieħed (1) u li l-bejgħ tagħhom huma aħjar jew aktar minn dawk tar-rikorrenti Xerri.*

14. *Illi r-rikorrenti Xerri mhux ser tiġi mwaqqfa milli taqla' l-għajxien tagħha u jrid jingħad li terminal wieħed (1) fil-point of sale 343 huwa aktar minn biżżejjed sabiex ileħħaq mal-volum ta' bejgħ li tiġġenera r-rikorrenti Xerri—kif del resto jirnexxielhom mijiet ta' aġenti tal-Maltco kuljum.*

15. *Illi fi kwalunkwe każ l-free additional terminal huwa u jibqa' proprjeta' tal-intimata Maltco. Dan huwa ċar mill-klawżola tlieta (3) tal-Application and Acceptance Form. Kienet l-intimata Maltco li investiet sinifikatament f'din l-infrastruttura, u għalhekk, huwa naturali li hija, qua proprjetarja, intitolata li tħejji l-parametri li bihom jiġi regolat l-allokazzjoni ta' dawn il-free additional terminals. Illi jidher li r-rikorrenti Xerri qiegħda tippretendi li s-sempliċi pussess ta' dan il-free additional terminal b'xi mod jintitolaha li żżommu indefinittivament irrispettivament min-nuqqas tagħha li tilħaq il-kwota fuq imsemmija.*

***Preġudizzju Irrimedjabbli***

16. *Illi, dato ma non concesso li r-rikorrenti għandha xi dritt prima facie li żżomm l-free additional terminal konness u funzjonanti, qiegħed jiġi sottomess li t-tneħħija tal-istess free additional terminal mhux ser jikkaġuna xi preġudizzju irrimedjabbli lill-istess dritt.*

17. *Illi, kif din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, seħqet fil-passat, il-preġudizzju lid-dritt prima facie irid ikun irrimedjabbli, u għalhekk, preġudizzju li ma jistax jiġi* ***b'xi mod ieħor*** *jiġi rimedjat u dan għaliex il-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali.*

18. *Illi r-rikorrenti Xerri tista' dejjem terġa' tkun intitolata għall-free additional terminal jekk POS343 tilħaq il-kwota annwa ta' bejgħ fuq imsemmija u l-fatt li r-rikorrenti Xerri tilfet il-free additional terminal f'dan l-istadju ma jfissirx li hija b'xi mod skwalifikata mill-iskema sabiex tingħata free additional terminal fil-futur.*

19. *Illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti Xerri hija ntitolata għall-azzjoni għad-danni bbażati fuq it-telf ta' bejgħ minħabba t-tneħħija tal-free additional terminal li jista' faċilment jiġi kkwantifikat—allavolja u frankament ir-rikorrenti Xerri tista' tleħħaq mal-volum ta' bejgħ li preżentement qiegħda tiġġenera permezz ta' terminal wieħed (1) biss kif spjegat hawn fuq. Illi huwa ċar għall-intimata Maltco li r-rikorrenti Xerri mhux ser issoffri l-ebda preġudizzju bit-tneħħija tal-free additional terminal.*

20. *Illi, f'dan is-sens, l-intimata Maltco tissottometti li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mhux perswadenti u huwa bbażat fuq motivazzjoni fqira. Sad-data ta' din ir-risposta l-intimata Maltco, kif jgħid l-Ingliż, is none the wiser fuq x'inhu "dritt prima facie" u l-"preġudizzju" li ser jiġi soffert mir-rikorrent Xerri. Ir-rikorrenti Xerri tidher li kienet aktar preokkupata li tiċċita digrieti passati ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduti, li jirrigwardaw fattispeċji li huma materjalment differenti minn dan il-każ speċifiku tas-sinjura Xerri. Kull rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għandu jiġi analizzat u kkunsidrat independetement u skrutinizzat b'mod xieraq sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rekwiżiti neċessarji għall-ħruġ tiegħu jeżistux ai termini tal-Artikolu 873(2) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija fuq u għal oħrajn li jistu' jitressqu f'dawn il-proċeduri, l-intimata Maltco umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tiċħad ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni tar-rikorrenti Xerri u tirrevoka d-digriet tagħha tal-4 ta' April 2018 contrario imperio fejn laqgħet ir-rikors provviżorjament, bl-ispejjeż.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti Claudine Xerri** xehdet illi hija tahdem f'POS 343, li hija banka tal-lottu u li tinsab fi Triq l-Imdina, Qormi. Spjegat illi din il-banka ilha miftuha xi erba' snin, u ghal numru ta' snin kellha zewg *terminals*. Kompliet illi ghalkemm it-tieni *terminal* ma jkolliex bzonnu kuljum, dan it-*terminal* tigi bzonnha meta jmorru hafna nies, specjalment filghaxijiet. Ziedet li fil-bank jkunu zewg persuna, hi u r-ragel taghha jew binha. Spjegat illi f'dawn l-ahhar granet ix-xoghol kien naqas izda kien ghad hemm utilita li jkollha zewg *terminals* specjalment ghaliex xi drabi jkun hemm min imur b'sommhom kbar u ghalhekk jkunu jistu' jinqasmu xi b'*terminal* iehor jkunu jistu' jkomplu jinqdew in-nies li jmorru b'ammonti zghar. Qalet illi dan l-ahhar pero s-socjeta ntimata talbitha lura t-tieni *terminal* ghaliex skont huma mhux qed tlahhaq mal-ammont rikjest. Qalet illi l-ammont naqas ghaliex inbiddlu l-*odds* u ghalhekk kullhadd sejjer ghand l-Easybet, izda ziedet li ghalkemm il-U Bet u z-zwiemel nizlu, il-lottu zied fid-domanda. Qalet illi l-bejgh tal-banka issa rega beda tiela, u li dawn il-*fluctuations* huma normali ghal banka.

**In kontro-ezami** ikkonfermat li kienet inghatat l-*additional terminal* fl-24 ta' Frar 2015 ghaliex kienet lahqet il-kwota necessarja, li kienet ta' ftit inqas minn nofs miljun. Murija d-dokument immarkat bhala ML3 qalet illi hi dak id-dokument qatt ma kienet ratu qabel, izda kkonfermat illi l-bejgh tal-banka kien naqas. Qalet illi hi thoss li ghandha d-dritt ghat-*terminal* addizjonali peress li b'wiehed ma tlahhaqx man-nies.

**Georgios Kakouras** xehed illi huwa d-direttur tal-operazzjonijiet tas-socjeta ntimata li ghandha numru limitat ta' terminals li tista' taghti lil banek. Spjega li l-mod kif topera s-socjeta ntimata huwa billi taghti lil kull banka *terminal* wiehed, imbaghad jekk banka tilhaq certu kwota ta' bejgh, li tinbidel kull sena, izda li fl-2014 kienet fl-ammont ta' €475,000 tinghata *terminal* addizzjonali. Kompla li r-rikorrenti kienet iggenerat bejgh fl-ammont ta' €540,000 fis-sena 2014, u kien ghalhekk li fl-2015 kienet inghatat *terminal*

addizzjonali. Zied li s-sena ta’ wara ma kienetx lahqet il-kwota, u ghalhekk ma baqghatx iktar intitolata ghat-*terminal* addizjonali, u dan kien gie notifikat lilha. Qal illi filfatt is-socjeta ntimata kienet ikkoncedietilha zmien biex tilhaq il-kwota ghaliex fehmiet illi l-bejgh mhux dejjem ikun l-istess, izda sa’ Jannar 2018 kienet ghada ma reghatx lahqet il-kwota, u ghalhekk sabiex ikunu gusti ma kulhadd kellhom jinnotifikawha li ser jiehdu t-*terminal* addizzjonali. Zied illi fl-2017, ir-rikorrenti kienet iggenerat bejgh fl-ammont ta’ €378,000.

**In kontro-ezami** xehed illi l-*cut off* point tvarja kull sena, u hija stabbilita minn *management team* tas-socjeta ntimata stess, liema *cut off point* tigi ddeterminata skont in-numru ta’ *terminals* permezz ta’ proceduta cara u specifika.

**Ikkonsidrat;**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta’Mandat ta’ Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li prima facie ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta’, disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet “**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**” (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> "... ***huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.***"

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju "**li ma jkunx jista' jigi irrimedjat**".

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe**")

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus**. Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza fit-**13 ta Mejju 2014**, per Onor Imhallef J.R.Micallef :

> "***<u>Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi</u>***"
> (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003; Giovann Grech vs Kristen Grech** deciza fil-21 ta' Mejju 2015;

**Charles Schembri vs Victor Vella** deciza **23 ta' Gunju 2015**; **Bollicine Limited vs Pyramid Hotels Limited** deciza fit-**13 ta' Ottubru 2015**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per Imhallef Joseph R. Micallef :

> "... ***il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem***..."

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> "***Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares iljedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din.***"

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per Onor Imhallef J.Zammit McKeon.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

Dan il-mandat gie ntavolat mir-rikorrenti sabiex izzomm lis-socjeta ntimata milli tittermina, minn mas-sistema centrali taghha, s-servizz tal-*online connection* tal-apparat fil-pussess tar-rikorrenti, jew li tiehu lura l-istess apparat, u cioe l-*additional terminal,* u dan wara li, skont ir-rikorrenti, is-socjeta ntimata hedditha billi allegat illi r-rikorrenti m'ghadhiex tikkwalifika aktar ghall-*Free Additional Terminal(s) Reward Scheme* tenut kont tal-bejgh li ghamlet sal-2017. Mar-rikors taghha, ir-rikorrenti prezentat numru ta' Mandati ta' Inibizzjoni li nhargu kontra s-socjeta ntimata wara li kienet heddedt illi ser twaqqaf il-*connection* ta' POS ohra.

Minn naha taghha, s-socjeta ntimata qed tikkontesta l-hrug tal-mandat odjern, u in succinct argumentat li:

1. Id-decizjonijiet esebiti mir-rikorrenti m'humiex applikabbli ghal kaz de quo peress illi dawk il-kazijiet ma kienux jittrattaw *terminal* addizzjonali, u li f'dan il-kaz ir-rikorrenti ser tkun tista' tibqa' topera l-banka taghha peress illi xorta wahda ser jibqala' t-*terminal* li hija awtomatikament intitolata ghalih;

2. Kull terminal huwa proprjeta imprezzabbli ghas-socjeta ntimata u n-numru ta' *free additional terminals* huwa limitat, u ghalhekk il-parametri stabbiliti mis-socjeta ntimata ghandhom jigu applikati b'mod indisikriminat, u f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma lahqitx il-kwota necessarja sabiex tkompli tuza l-*free additional terminal,* li ghalhekk ghandu jinghata lil agent iehor li jikkwalifika ghaliex a kuntrarju tar-rikorrent, lahaq il-kwota;

3. Il-*free additional terminal* jibqa' proprjeta tas-socjeta ntimata, u s-semplici pussess tar-rikorrenti ma jintitolahiex li zzommu b'mod inidefinit irrispettivament min-nuqqas taghha li tlahhaq il-kwota;

4. Ir-rikorrenti m'hijiex ser issofri d-dritt irrimedjabbli fil-kaz tat-tnehhija ta' dan l-*additional free terminal* ghaliex dejjem tista' terga tkun intitolata ghal *free additional terminal* jekk terga tlahhaq il-kwota stabbilita.

5. Fi kwalunkwe kaz, il-pregudizzju li tista' ssofri r-rikorrenti huwa biss wiehed pekunarju.

Il-Qorti rat illi hemm qbil bejn il-partijiet illi r-rikorrenti topera l-bank tal-lottu bin-numru 345 skont Agency Agreement milhuq bejn il-partijiet u li fl-2015 kienet inghatat *"free additional terminal"* ghaliex kienet lahqet mal-kwota stabbilita fl-2014, li dak iz-zmien kienet fl-ammont ta' €475,000. Din il-koncessjoni hija rregolata permezz tal-ftehim ffirmat fl-24 ta' Frar 2015, li jinsab esebit a fol 34. Minn dan il-ftehim, johorgu s-segwenti punti:

1. Ir-rikorrenti giet koncessa l-uzu ta' terminal addizzjonali ghal zmien indeterminat fil-ftehim stess;

2. L-elegibilita tar-rikorrenti biex tkompli tuzu dan it-terminal addizzjonali kellha tkompli sad-data tar-*review* maghmula mis-socjeta ntimata, liema *review* b'mod u fi zmien deciz mis-socjeta ntimata fid-diskrezzjoni assoluta taghha, liema diskrezzjoni m'hijiex limitata fil-ftehim;

3. It-terminal addizzjonali jibqa' proprjeta tas-socjeta ntimata, u jista' jittiehed minnha fi kwalunkwe zmien u ghal kwalunkwe raguni fl-eventwalita ta' ezigenzi operattivi jew ksur tal-Agency Agreement, u dan wara li r-rikorrenti tkun inghatat notifika bil-mitkub fi zmien gimgha qabel it-tehid.

Inoltre, il-Qorti rat ukoll illi mix-xhieda ta' Kakouras jirrizulta illi il-kwota illi r-rikorrenti trid tilhaq biex tkun eligibbli ghat-terminal addizzjonali tvarja mis-sena ghal sena, u hija ffissata mis-socjeta ntimata stess fuq kriterji determinati minnha. Il-Qorti taghraf illi minkejja li l-kwota tvarja minn sena ghal sena, is-socjeta ntimata naqset milli ggib prova fir-rigward ta' x'kienet il-kwota ghal kull sena li skont hi r-rikorrenti naqset illi tilhaq il-kwota u konsegwentement ma kienetx intitolata ghat-terminal addizzjonali.

Fir-rigward tad-dritt *prima facie,* il-Qorti tirrileva illi dan id-dritt johrog mill-ftehim a fol 34, esebit mis-socjeta ntimata, li juri illi s-socjeta ntimata kienet ikkoncediet lir-rikorrenti l-uzu ta' terminal addizzjonali, skont il-kondizzjonijiet stipulati f'dak il-ftehim addizzjonali. Minn dan l-istess ftehim, u mill-provi prodotti mis-socjeta ntimata mbaghad ma jirrizultax fuq liema bazi s-socjeta ntimata qed tippretendi li tiehu t-terminal addizzjonali lura, ghaliex m'huwiex bizzejjed illi s-socjeta ntimata sempliciment tghid illi r-rikorrenti ma lahqitx il-kwota, **izda trid anke ggib prova ta' x'kienet il-kwota li skont hi r-rikorrenti ma lahqitx.** Haga li baqghat m'ghamlitx, anke wara li x-xhud taghha stess qal illi l-kwota ma tkunx necessarjament l-istess kull sena.

Il-Qorti taghraf illi filwaqt li l-jedd *prima facie* tar-rikorrenti huwa wiehed car, il-kondizzjonijiet a bazi ta' liema s-socjeta ntimata tista' ttittermina dan id-dritt b'mod unliterali huma fl-ahjar ipotezi vagi, u fl-aghar ipotezi arbitrarji. Il-Qorti taghraf inoltre illi s-socjeta ntimata lanqas biss pprovat tressaq quddiem din il-Qorti prova cara, illi r-rikorrenti tilfet il-jedd ghal dan it-terminal addizzjonali, billi filwaqt li qalet li l-kwota tinbidel kull sena, l-unika kwota msemmija quddiem din il-Qorti kienet dik tal-2014/2015, u cioe dik li filfatt hemm qbil bejn il-partijiet li r-rikorrenti kienet laqhet. Ghalkemm huwa minnu li l-ezami li jsir mill-Qorti f'mandat kawtelatorju huwa jekk il-pretensjonijiet jirrizultawx mad-daqqa t'ghajn, dan ma jfissirx illi d-decizjonijiet tal-Qorti jistu' ikunu bbazati fuq meri allegazzjonijiet. Fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl ta' din l-incertezza u arbitrarjeta l-unika mod kif jista' jigi deciz jekk is-socjeta ntimata tistghax validament tittermina d-dritt tar-rikorrenti ghat-terminal addizzjonali huwa biss billi jkun hemm ezami fil-meritu, u cioe ezami illi din il-Qorti hija prekluza milli taghmel.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-pregudizzju il-Qorti wkoll ma taqbel xejn mal-argument tas-socjeta ntimata. Huwa minnu illi a kuntrarju tal-kazijiet citati mir-rikorrenti, hija ser tkun tista' tibqa' topera l-bank tal-lottu taghha, pero dan ma jfissirx illi ma jirrizultax fuq bazi prima facie li r-rikorrenti tista' ssofri pregudizzju irrimedjabbli jekk is-socjeta ntimata ttiterminalha l-jedd ghat-terminal addizzjonali, ghaliex huwa car illi b'*terminal* nieqes, hemm riskju illi jonqos il-bejgh li tista' taghmel ir-rikorrenti, u dan definittavament peress illi jekk il-klijentela taghha thossa li m'hijiex moqdija sew fil-banka tal-lottu in kwistjoni, tista' facilment tmur f'ohra b'mod illi r-rikorrenti ssofri pregudizzju serju fin-negozju gestit minnha bit-telf tal-klijentela taghha. Inoltre, l-Qorti tqis illi din m'hijiex kwistjoni ta' semplice danni pekunarji peress illi fil-verita din hija kwistjoni ta' obligazzjonijiet

kontrattwali u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jezistu r-rekwiziti neccessarj ghal hrug ta' dan il-mandat.

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma d-digriet taghha tal-4 ta' April 2018 permezz ta' liema kienet laqghat it-talba provvizorjament, tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tinibixxi lis-socjeta ntimata milli tittermina, minn mas-sistema centrali taghha, s-servizz tal-"online connection" tal-apparat fil-pussess tar-rikorrenti, jew li tiehu lura l-istess imsemmi apparat, fil-pussess tal-istess rikorrenti, ossija l-"free additional terminal."**

L-ispejjez kollha ghandom jithallsu mis-socjeta ntimata.

**Moghti Kameralment illum il-Hamis 3 ta' Mejju 2018**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**